**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 231/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1141/1995)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illli l-partijiet izzewwgu fit-(8) tmienja ta' Lulju tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (08.07.1995) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom lil Justin li twieled fis-sebgha u għoxrin taNovembru tassena elf disamija sitta u disghin (27.11.1996) u Luke li twieled fid-disgha

u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elf disamija disgha u disghin (29.03.1999), u li għalhekk illum ulied il-partijiet huma Ikoll maggiorenni u l-fuq minn tlieta u għoxrin senaIl-manteniment tat-tfal meta kien dovut dejjem thallas fis-shih u għalhekk ma hemm l-ebda arretrati li għadhom irridu jithallsu

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joanne Spiteri li gie ppubblikat fl-erbatax taDicembru tas-sena elfejn u hdax (14.12.2011) liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok B.

3. Illi skont l-Artikolu 8.3 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet irrinunzjaw id-dritt l jjircievu manteniment minghand xulxin. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni.

4. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok C;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imbolli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi koIlha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta’ Mejju 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata prezenti fl-awla wieġbet fuq domanda tal-Qorti li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-14 ta’ Dicembru 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.